# KUNSILL LOKALI GHARB

## Rapport Annwali Amministrattiv

## Jannar—Dicembru 2010

***Il-Werrej***

**Ittra tas-Sindku**
**Pagna 1-3**

**Il-Kunsill**
**Pagna 4**

**L-Arei ta' attivita' tal-Kunsill**
**Pagna 5-7**

**Varjazzjonijiet fid-Dhul u l-Infiq**
**Pagni 8-10**

Huwa ta' pjaċir tassew kbir għalija li għal darb oħra qed naghti rendikont f'eghluq is-sena ta' hidma 2010.

Meta nħares lura, partikolarment lejn is-snin li ilni Sindku, nieħu sodisfazzjon kbir bil-ħidma li kienet tinkorpora lil kulħadd u nenfasizza li ħadd ma kien eskluż. Il-lokalita' tagħna mxiet 'il quddiem u llum nistgħu ngħidu li lħaqna livell ta' għixien li jixraq lilna lkoll. Imxejna 'l quddiem bil-ħidma ta' kulħadd.

Kull wieħed għandu l-opinjoni personali u jħaddan valuri kultant differenti pero m'għandix dubju li l-għan ewlieni jibqa' wieħed li l-lokalita' tagħna iżżomm l-identita' tagħha filwaqt li tiżviluppa u timmiljora. Kultant jittieħdu deċiżjonijiet li ma jinżlux tajjeb ma kulħadd pero d-deċiżjonijiet ma jistgħux jittieħdu b'vantaġġ lejn xi ħadd personali jew xi istituzzjoni jew għaqda, d-deċiżjonijiet iridu jkunu mistħarġa, studjati u fuq kollox konformi mal-liġi.

Il-Kunsill kien miftuh ghal suġġerimenti kostruttivi għaliex dawn iwasslu għal aktar riflessjoni u perfezzjoni.

Matul is-sena għaddejna minn ħidma kontinwa fuq diversi progetti u inizjattivi. Għalaqna b'suċċess il-proġett ta' Wied il-Mielaħ. Il-flus ivvutati fuq dan il-proġett kienu b'zieda mill-allokazzjoni normali tal-Kunsill u kienu moghtija għall-għan li għalih ingħataw jiġifieri sabiex isir il-proġett ta' Wied il-Mielaħ. Il-Kunsill ircieva wkoll ko-finanzjament ta' €50,000 ghal dan il-progett mill-fond ta' ko-finanzjament tas-Segretarjat Parlamentari ghall-Kunsilli Lokali.

Ma dan il-proġett il-Kunsill ma abbandunax ix-xogħolijiet infrastrutturali fil-toroq tal-lokalita'. Sfortunatament kien hemm dewmien min naha tal-Water Services Corporation fit-twettiq ta' xogholijiet fit-toroq ta' Wied il-Mielah, Triq il-Blata, Frenc ta' l-Gharb, Pjazza Zjara tal-Madonna u Triq il-Knisja. Xogholijiet marbuta mal-master plan tad-dranagg u mal-bdil tal-mejnijiet tal-ilma. Minhabba dan id-dewmien il-Kunsill ma setax jibda' il-proġett ta' rijabilitazzjoni u riġenerazzjoni ta' Triq il-Knisja u l-Pjazza Żjara tal-Madonna. Minħabba dan id-dewmien ukoll xogħolijiet infrastrutturali oħra bhal xoghol fi Triq Trux, Triq Virtu' u oħrajn kellhom ikunu sospiżi sakemm ikun finalizzat ix-xogħol mibdi. Ghalkemm ix-xoghol f'dawn it-toroq ma tlestiex, il-Kunsill kien ghaddej b'hidma kontinwa u pressjoni fuq l-awtoritajiet ikkoncernati sabiex jizgura li x-xogholijiet fuq ir-rising main ma jħallux impatt negattiv fuq il-lokalita'. Ghall-progett ta' rigenerazzjoni tal-Pjazza u Triq il-Knisja il-Kunsill irnexxielu jikseb ghajnuniet finanzjarji mill-Ministeru ghal Ghawdex, Water Services Corporation, mill-Urban Improvement Fund tal-MEPA. Il-Kunsill ser ikun qed jinghata ghajnuna wkoll mill-Gvern mill-iskema PPP dwar toroq.

Matul l-2010 inbdew xogholijet infrastrutturali fuq il-playing field fi Triq Tumas Cassar u r-rinnovament tal-Belvedere Kan. Salv Camilleri kif ukoll xi xogholijiet fiċ-Ċentru Ċiviku.
Max-xogħol infrastrutturali il-Kunsill ħa diversi inizjattivi favur sezzjonijiet differenti tas-soċjeta'. Introduċejna skema għat-tfal li jattendu l-iskola primarja fejn ingħataw il-materjal skolastiku kollu ta' sena. L-għan wara din l-inizjattiva huwa sabiex ngħinu lill-familji fl-investiment ta' l-edukazzjoni ta' l-ulied. Għan ieħor kien sabiex nattiraw aktar tfal lejn l-iskola Primarja tal-lokalita' li l-popolazzjoni tagħha qed tkompli tonqos ta' kull sena. Għall-ewwel darba saret ċerimonja flimkien mat-tfal tal-iskola primarja fejn flimkien ma 26 pajjiż ieħor sar it-tiżjin tas-siġra tal-Milied fil-pjazza fl-istess ġurnata li fiha kienu qed iżejjnu s-siġra tal-Milied il-bqija tat-tfal ta' l-iskola tas-26 pajjiż li kienu magħzula.

Ħsibna wkoll fit-tfal li jattendu skejjel privati u sekondarji u introduċejna servizz ta' trasport wara l-ħin ta' l-iskola. Komplejna ninvestu fil-librerija li wkoll ser ikollha postha ċentralizzat fiċ-Ċentru Ċiviku, atrezzata bl-aħjar teknoloġija u servizzi godda.

Komplejna nhaddnu l-prinċipju ta' tagħlim tul il-ħajja u nvestejna fl-edukazzjoni tal-adulti u f'persuni tat-tielet eta'. Organizzajna korsijiet tal-lingwa Maltija u 7 korsijiet fit-taħriġ u akkwist tal-liċenzja tas-sewqan tad-dgħajsa.

Il-Kunsill investa wkoll fil-promozzjoni tal-isports u l-attivita' fiżika, permezz ta' titjib fil-faċilitajiet sportivi u introduzzjoni ta' attivitajiet sportivi immirati lejn kull settur tas-soċjeta'. Il-Kunsill sodisfatt li l-attendenza kienet numeruża u hemm it-talba sabiex dawn jitkomplew. Hemm ħsibijiet oħra sabiex dawn it-tip ta' inizjattivi ikunu mġedda u jiżdiedu għall-futur.

Għall-anzjani komplejna ninvestu fid-day centre ta' kull nhar ta' Tnejn fejn numru sabiħ ta' madwar 20 perusna qed jattendu regolarment. Għall-anzjani u dawk li jgħixu waħedhom ma naqsux il-ħarġiet ta' matul is-sena kemm f'Għawdex kif ukoll ġewwa Malta.

Matul is-sena il-Kunsill gie fdat bi proġett importanti ko-finanzjat mill-EU b'investiment ta' 'l fuq minn €600,000. Qed nirreferi għall-proġett ta' restawr tal-kappella ta' San Dimitri, il-Knisja taż-Żejt, is-Salib tad-dejma li jinsab fil-Pjazza Żjara tal-Madonna u l-pont ta' Sdieri. Ma dan hemm ukoll il-ħitan tas-sejjieħ li jwasslu għal dawn iż-żoni. Il-Kunsill ħadem u għadu jaħdem sabiex jinstabu finanzjamenti għar-restawr tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali flimkien ma postijiet oħra ta' patrimonju storiku u kulturali ġewwa l-lokalita'. Proġett ieħor ta' restawr din id-darba fuq skala ferm iżgħar li kiseb fondi għalih il-Kunsill jikkonsisti fir-restawr ta' diversi niċeċ fejn kienu avviċinati dawk li għandhom niċeċ jew statwi fuq barra fil-faċċati ta' djarhom u dan bla ebda piż finanzjarju għas-sidien.

Il-Kunsill kien impenjat f'diversi proġetti li jippromwovu l-użu ta' l-enerġija alternattiva. Fost l-oħrajn għen lir-residenti jintroduċu sistemi ta' pannelli foto-voltajiċi fuq il-bjut ta' djarhom. Il-Kunsill kiseb ukoll finanzjament biex ikunu stallati fuq il-Kunsill pannelli solari li ser ikunu qed jagħmlu tajjeb għall-enerġija li ċ-Ċentru Ċiviku jikkonsma. Dan inaqqas ukoll mill-emmissjonijiet li jiċċirkondaw l-arja ta' madwarna.

Proġett ieħor ko-finanzjat mill-EU mill-fond Italja Malta huwa Out of the Blue, proġett li ser jikkontribwixxi għas-settur tat-turiżmu u prodotti tal-lokalita' fosthom b'pubbliċita' barra minn xtutna fi Sqallija.

Il-Kunsill ħa sehem f'kompetizzjoni dwar miżuri u inizjattivi favur l-intrapriżi. L-inizjattiva li ħa l-Kunsill kienet gazzetta pubbliċitarja sabiex ikun irriklamat il-prodott lokali tal-Għarb kif ukoll il-postijiet ta' akkomodazzjoni. Għal din l-inizjattiva il-Kunsill kien rikonoxxut bi premju ta' €5,000 li dawn ser ikunu investiti għall-istess għan.

Il-Kunsill irnexxielu wkoll ikun ir-rebbieħ ta' inizjattiva dwar tfassil ta' pjan sabiex il-lokalita' tagħna tkun waħda sostenibbli. Il-pjan ser isir b'konsultazzjoni sħiħa u miftuħa mat-tfal,

adulti u għaqdiet lokali sabiex jitfassal il-pjan li jħares lejn futur b'lokalita' sostenibbli għalina u uliedna. Flimkien ninsab ċert li din l-opportunita' ser indawwruha verament f'opportunitajiet.

Dawn huma ftit mill-inizjattivi li kien impenjat fihom il-Kunsill matul is-sena 2010 sabiex titjieb il-kwalita' tal-ħajja tagħna r-residenti ta' l-Għarb. Irridu naprezzaw li minkejja ċ-ċokon tal-lokalita' tagħna b'kuraġġ imsejjes fuq il-ħafna kisbiet li għamilna, hekk irridu nkomplu nagħmlu fis-snin li ġejjin għall-benefiċċju tal-lokalita' u r-residenti taghha.



David Apap

Sindku

Jannar – Dicembru 2010

| Pozizzjoni | Attendenza | Laqgha Minn | Laqgha Sa | Numru ta' Laqghat |
|---|---|---|---|---|
| **Sindku** | | | | |
| David Apap | 100% | 8 | 21 | 14 |
| **Vici-Sindku** | | | | |
| Raymond Cassar | 92,86% | 8 | 21 | 14 |
| **Kunsilliera** | | | | |
| Lisa Marie Brooke | 92,86% | 8 | 21 | 14 |
| Emanuel Muscat | 100% | 8 | 21 | 14 |
| Carmen Vella | 100% | 8 | 21 | 14 |
| **Impjegati** | | | | |
| Joanne Attard | | | | |
| Emily Amatulli Depasquale Christina Camenzuli | | | | |

## Attivitajiet Generali

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri 12 il xahar minn Jannar sa Dicembru 2010, it-tieni sena ta'operat tas-6 legizlazzjoni tal-Kunsill.

Matul din is-sena il-Kunsill kellu diversi rizultati pozittivi ta' applikazzjonijiet ghal finanzjament ta' progetti fosthom, il-progett Gharb's cultural and touristic conservation project taht Mizura 323 progett b'valur ta' €636,020 li jinkludi fih 5 investimenti: restawr tal-kappella ta' san Dimitri, restawr tal-kappella taz-Zejt, restawr tas-salib tal-Pjazza, restawr tal-pont fi Triq Sdieri, restawr ta' hitan tas-sejjieh. Applikazzjoni ohra favorevoli kienet ghar-restawr ta' diversi nicec taht l-iskema ta' restawr ta' postijiet storici zghar. Kien hemm ukoll approvazzjoni ta' progett biex tittejjeb l-accessibilita' ghal Kunsill Lokali. Il-Kunsill kien impenjat bit-thejjija amministrattiva relatata ma dawn il-progetti.

Ma dawn il-Kunsill kien qed jahdem ukoll fuq progetti ta' toroq, b'xoghol amministrattiv relatat mal-iskema imnedija mill-Gvern, Public Private Partnership fuq resurfacing ta' toroq. Il-Kunsill kien impenjat ukoll fi pressjoni u koordinament mal-Water Services Corporation u mal-Ministeru ghal Ghawdex dwar ix-xogholijet konnessi mal-progett tal master plan tad-dranagg f'Wied il-Mielah, liema xogholijiet kienu qed jaffettwaw lir-residenti tal-lokalita' u jzommu lill-Kunsill milli jipprocedi bil-progett tat-titjib tat-toroq b'mod partikolari fil-Pjazza u Triq il-Knisja.

Fl-istess waqt il-Kunsill kien qed jinvesti fi progetti futuri fejn ma naqsux applikazzjonijiet godda taht diversi skemi kemm dawk imnedija mid-Dipartiment tal Gvern Lokali, kif ukoll applikazzjonijiet tal-UE.

Il-Kunsill kien impenjat ukoll bl-andament u implimentazzjoni tal-fazi tal-eghluq tal -progett Ewropew Wied il-Mielah – lejn turizmu sostenibbli li jirrispetta l-ekologija u l ambjent, liema progett gie maghluq f'Novembru 2010.

Matul is-sena il-Kunsill organizza diversi attivitajiet socjali, kulturali u korsijiet edukattivi ghar-residenti. Fost l-ohrajn ittellghet serata tal-karnival, Seher il-Punent, kuncert fi zmien l-Ghid, l-Infiorata f'Jum il-festa, tizjin u attivitajiet ta' zmien il-Milied.
Ghall-ewwel darba inzammet attivita' fejn it-tfal tal-iskola primarja hadu sehem fi progett Ewropew fejn zejjnu s-sigra tal-Milied b'dekorazzjonijiet maghmula minn materjal irriciklat li holqu tfal ohra minn pajjiz iehor Ewropew.

**3.1 L-arei ta' attivita' tal-Kunsill (ikompli)**

Ghall-ewwel darba is-sena li ghaddiet gie mniedi kors ghal-licenzja tad-dghajsa liema kors kien ta’ success u bbenefikaw minnu ghadd kbir ta’ persuni minn lokalitajiet diversi. Inzamm ukoll kors fil-lingwa Maltija ghall-barranin.

Bhala promozzjoni ghall-isports u s-sahha fizika il-Kunsill nieda sensiela ta’ attivitajiet immirati kemm ghat-tfal kif ukoll ghall-adulti. Permezz ta’ dawn l-attivitajiet li setghu isiru permezz ta’ ghajnuna mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Kunsilli Lokali u l-Kunsill Malti ghall-isports numru sabih ta’ persuni ta’ etajiet varji mil-lokalita’ kienu attivi f’attivita’ fizika gewwa l-lokalita’ stess.

Matul is-sena il-Kunsill ha hsieb izomm lir-residenti infurmati u aggornati dwar il-hidma u l-andament tal-Kunsill permezz ta’ avvizi li jitqassmu lir-residenti kollha kull meta jinhass il-bzonn. F’Dicembru gie ippublikat ukoll il-fuljett informattiv Lehen il-Punent.



Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv

**Organizzazzjoni** Fil-bidu tal-legizlazzjoni il-membri hadu diversi responsabilitajiet sabiex ikun jista' jigi facilitat aktar ix-xoghol tal-Kunsill.



## 4.1 Consolidated Income and Expenditure Variations Schedule

| DESCRIPTION | a<br>2010 ACTUAL (LM) | b<br>2010 BUDGET (LM) | 2009 ACTUAL (LM) | a-b/b-a<br>BUDGET VAR (LM) | a-c/c-a<br>ACTUAL VAR (LM) |
|---|---|---|---|---|---|
| **Income** | | | | | |
| Government | 215,195.00 | 601,789.17 | 148,780.00 | (386,594.17) | 66,415.00 |
| Bye-laws | 42,975.00 | 18,000.00 | 26,302.00 | 24,975.00 | 16,673.00 |
| Investment | 327.00 | 327.00 | 184.00 | | 143.00 |
| TOTAL | **258,497.00** | **620,116.17** | **175,266.00** | **(361,619.17)** | **83,231.00** |
| **Expenditure** | | | | | |
| Personal emoluments | 60,567.00 | 58,350.10 | 36,642.00 | (2,216.90) | (23,925.00) |
| Operations and maintenance | 138,846.00 | 138,890.00 | 85,933.00 | 44.00 | (52,913.00) |
| Capital Expenditure | 402,495.00 | 406,267.00 | 17,900.00 | 3,772.00 | (384,595.00) |
| TOTAL | **601,908.00** | **603,507.10** | **140,475.00** | **1,599.10** | **(461,433.00)** |
| **Balance** | **(343,411.00)** | **16,609.07** | **34,791.00** | **(363,218.27)** | **(378,202.00)** |

## 4.2 Detailed Income Variations Schedule

| | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|
| **DESCRIPTION** | **2010 ACTUAL (LM)** | **2010 BUDGET (LM)** | **2009 ACTUAL (LM)** | **BUDGET VAR (LM)** | **ACTUAL VAR (LM)** |
| **Income** | | | | | |
| Government | | | | | |
| Annual | 202,398.00 | 202,398.00 | 141,412.00 | | 60,986.00 |
| Supplementary | | 60,000.00 | | (60,000.00) | |
| Special needs | | | | | |
| Public/government entities | | | | | |
| Other | 12,797.00 | 339,391.17 | 7,368.00 | (326,594.17) | 5,429.00 |
| | **215,195.00** | **601,789.17** | **148,780.00** | **(386,594.17)** | **66,415.00** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Community Services | | 7,000.00 | | (7,000.00) | |
| Contravention of bye-laws | 47.00 | 1,000.00 | | (953.00) | 47.00 |
| Contributions and donations | | | | | |
| General | 42,928.00 | 10,000.00 | 26,302.00 | 32,928.00 | 16,626.00 |
| | **42,975.00** | **18,000.00** | **26,302.00** | **24,975.00** | **16,673.00** |
| Investment | | | | | |
| Bank interest | 327.00 | 327.00 | 184.00 | | 143.00 |
| Government securities | | | | | |
| | **327.00** | **327.00** | **184.00** | | **143.00** |
| **TOTAL** | **258,497.00** | **620,116.17** | **175,266.00** | **(361,619.17)** | **83,231.00** |

## 4.3 Detailed Expenditure Variations Schedule

| DESCRIPTION | a<br>2010<br>ACTUAL<br>(LM) | B<br>2010<br>BUDGET<br>(LM) | c<br>2009<br>ACTUAL<br>(LM) | b-a<br>BUDGET VAR<br>(LM) | c-a<br>ACTUAL VAR<br>(LM) |
|---|---|---|---|---|---|
| **Expenditure** | | | | | |
| Personal Emoluments | | | | | |
| Mayor's allowance | 15,324.00 | 12,764.00 | 5,000.00 | (2,560.00) | (10,324.00) |
| Employee salaries and wages | 41,975.00 | 38,235.00 | 29,302.00 | (3,740.00) | (12,673.00) |
| Bonuses | | 3,659.22 | | 3,659.22 | |
| Income supplements | | 484.52 | | 484.52 | |
| Social Security contributions | 3,268.00 | 3,207.36 | 2,340.00 | (60.64) | (928.00) |
| Allowances | | | | | |
| Overtime | | | | | |
| | **60,567.00** | **58,350.10** | **36,642.00** | **(2,216.90)** | **(23,925.00)** |
| Operations and maintenance | | | | | |
| Utilities | 11,328.00 | 11,500.00 | 4,182.00 | 172.00 | (7,146.00) |
| Materials and supplies | 1,671.00 | 1,700.00 | 970.00 | 29.00 | (701.00) |
| Repair and upkeep | 10,595.00 | 12,000.00 | 11,926.00 | 1,405.00 | 1,331.00 |
| Rent | 3,337.00 | 3,500.00 | 2,313.00 | 163.00 | (1,024.00) |
| International memberships | 449.00 | 450.00 | 165.00 | 1.00 | (284.00) |
| Office services | 12,771.00 | 11,000.00 | 4,783.00 | (1,771.00) | (7,988.00) |
| Transport | 3,062.00 | 3,100.00 | 3,565.00 | 38.00 | 503.00 |
| Travel | | | | | |
| Information services | 5,241.00 | 5,300.00 | 2,917.00 | 59.00 | (2,324.00) |
| Contractual services | 32,744.00 | 33,000.00 | 29,958.00 | 256.00 | (2,786.00) |
| Professional services | 5,356.00 | 5,000.00 | 2,385.00 | (356.00) | (2,971.00) |
| Training | | 30.00 | | 30.00 | |
| Community and hospitality | 52,265.00 | 52,300.00 | 22,280.00 | 35.00 | (29,985.00) |
| Incidental expenses | 27.00 | 10.00 | 489.00 | (17.00) | 462.00 |
| | **138,846.00** | **138,890.00** | **85,933.00** | **44.00** | **(52,913.00)** |
| Capital Expenditure | | | | | |
| Acquisition of property | | | | | |
| Construction | 15,715.00 | 16,900.00 | | 1,185.00 | (15,715.00) |
| Improvements | 1,006.00 | 250.00 | 3,832.00 | (756.00) | 2,826.00 |
| Equipment | 3,116.00 | 3,878.00 | 1,811.00 | 762.00 | (1,305.00) |
| Special programmes | 382,658.00 | 385239.00 | 12257.00 | 2,581.00 | (370,401.00) |
| | **402,495.00** | **406,267.00** | **17,900.00** | **3,772.00** | **(384,595.00)** |
| **TOTAL** | **601,908.00** | **603,507.10** | **140,475.00** | **1,599.10** | **(461,433.00)** |